VALLETTA CULTURAL AGENCY

Stqarrija 16 ta' Settembru 2019

Wirja ta' astrofotografija ġewwa l-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta

L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Umanisti (Malta Humanist Association), f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta (VCA), qed torganizza wirja ta' ritratti tal-ispazju bħala parti mill-attivitajiet ta' 'Science in the City'.

Il-wirja, li ġġib l-isem ta' 'We Are Starstuff', se tittella' bejn is-27 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru ġewwa l-binja tal-Kamra tal-Kummerċ fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Fiha se jkunu qed jiġu esibiti numru ta' ritratti tas-sema bil-lejl meħudin mill-Gżejjer Maltin mill-astrofiżiku Dr Joseph Caruana.

Il-wirja se tiġi mnedija fis-27 ta' Settembru fis-7.30pm, bi preżentazzjoni qasira minn Dr Caruana dwar il-wirt naturali tas-sema billejl, l-oġġetti varji li huma s-suġġett ta' dawn ir-ritratti, kif ukoll il-metodi użati biex jittieħdu ritratti ta' din ix-xorta. Dakinhar, il-wirja se tibqa' miftuħa sal-10pm. Se jkun hemm ukoll diskussjoni fejn il-pubbliku jista' jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu.

L-esibizzjoni se' tibqa' miftuħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa sat-3 ta' Ottubru, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kamra tal-Kummerċ (9am – 6pm).

L-osservazzjoni tas-sema billejl sawwret diversi kulturi sa mill-ewwel żminijiet. In-nies tħassbu dwar il-kwiekeb, immaġinaw forom u xbihat fis-sema, u xerrdu numru ta' stejjer u kożmoloġiji dwarhom. Kalendarji u festi nbnew fuq iż-żifna ta' dawn l-oġġetti fis-sema, u l-marka tagħhom għadha tinħass sal-ġurnata tal-lum. L-astronomija kixfet ħolqa iktar profonda bejnna u s-smewwiet, hekk kif skoprejna li l-kwiekeb huma l-forġa li minnha ġie l-bniedem. Kif kien qal Carl Sagan, aħna t-tfal tagħhom. It-teknoloġija moderna tagħtina l-mezz li bih nistgħu nħarsu iktar fil-fond tal-univers, hekk kif nikxfu il-misteri tiegħu u nirriflettu dwar l-oriġini tagħna stess.

Din il-wirja timmarka 50 sena mill-ewwel niżla tal-bniedem fuq il-qamar u 100 sena mill-konferma tat-teorija tar-relattività ta' Albert Einstein. Hija tistedinna biex nsiru midħla tas-sbuħija kkulurita tal-univers, filwaqt li nirriflettu dwar il-pożizzjoni tagħna fih.

Għal aktar informazzjoni żur il-paġna ta' Facebook tal-esibizzjoni — We Are Starstuff.

Valletta Cultural Agency
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

www.vca.gov.mt